MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Numru. 850/2008

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Olivend Xuereb detentur tal-Karta tal-Identita` numru 328885 (M) u Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady detentur tal-Karta Tal-Identita` numru 37249 (A).

**Akkuzati talli:**

Fil-lejl tas-17 u 18 ta` Awissu 2008, ikkommettew serq ta` flus u diversi oggetti ohra li l-ammont tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), minn Villa Kazara, Triq il-Virdun, Kappara, ghad-deteriment ta` Maged Fawzy Eskandar Maged mill-Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok.

Rat l-ammissjoni ta` Ovend Xuereb fil-mori tal-kawza.

Rat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (f), 261 (e), 263, 267, 269 (g), 270, 278, 279 (b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta fil-konfront tal-imputat Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna serqa li saret fil-fond Villa Kazara, Triq il-Virdun, Kappara ghad-deteriment ta` Maged Fawzy Eskandar Maged liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, mezz, hin u lok. Dan is-serq sar fil-lejl ta` bejn is-17 u 18 ta` Awissu 2008. L-imputat odjern huwa akkuzat bhala komplici f'din is-serq.

Illi dina l-Qorti tinsab sodisfatta li din is-serqa fil-fatt sehhet u l-attur principali li wettaqha diga` gie ggustifikat minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta billi Oivend Xuereb, fil-bidu nett ta` din il-kawza, ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u, fil-konfront tieghu, giet moghtija sentenza definittiva.

Illi dak li hemm in ezamina hija l-partecipazzjoni ta` dan l-imputat f'dan ir-reat. Il-pern kollu ta` din il-kawza hija x-xhieda ta` Oivend Xuereb, illum ipprocessat illi, fl-14 ta`

Jannar 2011 inekwivokament xehed illi, nonostante illi l-imputat odjern ma kienx prezenti fil-villa fil-lejl bejn is-17 u 18 ta` Awissu 2008 meta twettqet din is-serqa, huwa kien il-bniedem illi, bi ftehim mal-istess Oivend Xuereb, halla t-tieqa ta` wara tal-villa hdejn il-pool miftuha sabiex ikunu jistghu jidhlu facilment fil-villa dawk illi, fil-fatt, wettqu dan ir-reat. L-imputat seta` jaghmel dan stante illi, f'dak iz-zmien, kien qieghed jaghmel xoghol ta` kisi f'din l-istess villa.

Illi Oivend Xuereb jirrakkonta fid-dettal u bil-gurament il-partecipazzjoni tal-imputat f'dan ir-reat u r-rwol illi huwa kellu jisvolgi fl-adempjiment tal-partecipazzjoni tieghu. L-imputat stess jixhed illi qatt ma kellu xi jghid ma` Xuereb u li ma jafx ghaliex Xuereb kien qieghed jixhed hekk fuqu.

.
Illi dina l-Qorti trid temmen lil dan Xuereb u dan ghal zewg motivi:

1. Ma tarax ghaliex m'ghandiex temmen lil Oivend Xuereb meta dan, mill-bidu nett ta` dawn il-proceduri, carament ammetta l-involviment tieghu fil-kommissjoni ta` dan ir-reat;

2. Ma tezisti l-ebda raguni evidenti ghaliex Xuereb ghandu jigdeb dwar l-imputat u dan kif xehed l-istess imputat li qatt ma kellu xi jghid ma` Xuereb.

Illi, per, di piu`, jirrizulta mill-process verbal li sar wara inkjesta Magisterjali dwar dan is-serq illi, sabiex min kien responsabbli ghal dan ir-reat seta jkolu access ghall-villa derubata, access ma sarx permezz ta` sgass izda sar permezz ta` dhul minn tieqa miftuha fuq in-naha tas-swimming pool.

Illi minhabba dawn il-motivi, u wara li dina l-Qorti tirrimarka illi kien biss l-imputat illi xehed a favur tieghu nnifsu u wara li rat l-imgieba tal-imputat odjern matul

dawn il-proceduri, dina L-Qorti hija konvinta dwar il-kolpevolezza tal-imputat u tikkunndannah ghall-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` erbgha u ghoxrin (24) xahar li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa dam f’arrest preventiv u dan wara li dina l-Qorti tinnota li r-rifurtiva li kienet instabet fil-pussess ta` Oivend Xuereb kienet ritornata lill-sidha legittima.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------